MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Numru 1224/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**v**

**ROBERT CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ROBERT CAMILLERI** ta' ghoxrin sena, bin Anthony u Francesca nee Grech, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Settembru 1986 u residenti 24, 'Anthony House', Triq San Publiju, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 397986M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-ghoxrin [20] ta' Novembru 2006 ghal habta tat-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar fil-Maghtab n-Naxxar u fl-ghassa tan-Naxxar u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja jew hedded persuni ta' whud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed ghamlu dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe fuq il-pesuna ta' WPC 230 Anna Marie Vella u pulizija ohra;

2. talli bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku u cioe lil ta' WPC 230 Anna Marie Vella u ufficjali ohra tal-pulizija li ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

3. talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4. talli voluntarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' WPC 20 Anne Marie Vella ai termini tal-artikoli 383, 384 u385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mieghu u li skuza ruhu mal-ufficjal tal-pulizija koncernata immedjatament wara l-incident kif del resto jirrizulta mill-istess stqarrija rilaxxjata minnu esibita fl-atti.

Semghet lil imputat seduta stante jiddikjara li kien qed jiskuza ruhu minghajr riservi ghal kull diskors mhux xieraq li qal fil-konfront tal-pulizija w obbliga ruhu minghajr riservi li bl-ebda mod ma kien ser jimmolesta lil istess ufficjal tal-pulizija WPC 230 Anne Marie Vella.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha kif stqarr l-istess Ufficjal Prosekutur seduta stante.

4. L-eta relattivament tenera tal-imputat u cioe l-fatt li ghad ghandu ghoxrin sena.

5. Il-fatt li l-imkpuat skuza ruhu mal-Ufficjal tal-Pulizija immedjatament wara li qal dak l-istess kliem mhux xieraq.

Illi fid-dawl tas-suespost, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 91, 95(1), 338(ee), 338(dd), 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ROBERT CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li <u>tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ tlett mitt [300] lira maltin</u> li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin [40] lira maltin bl-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mit-tletin [30] ta’ Novembru 2006.**

**Fin-nuqqas li l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tobbliga lil imputat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidtx lil WPC 230 Anne Marie Vella ghal perjodu ta’ sena mill-lum taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

<u>Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.</u>

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------